MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2008

Appell Civili Numru. 1000/2002/1

**Frankie u Sonja konjugi Zerafa**

**v.**

**Olga Avramov, Donald Felice, Tabib Ewlieni tal-Gvern**

## Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fl-4 ta' Settembru 2002 li tghid hekk:

"Peress illi fit-12 ta' Gunju, l-attrici Sonja Zerafa dahlet gewwa l-Sptar San Luqa gewwa l-Gynaecological Ward biex twelled b'operazzjoni cesarja.

"Peress illi l-attrici Sonja Zerafa iffirmat il-consent form biex taghti l-kunsens taghha biex jigu maqtugha l-“fallopian tubes” taghha, u dan sabiex ma jkollhiex aktar tfal.

"Peress illi l-operazzjoni medika giet maghmula mis-Senior Registrar Olga Avramov, li tahdem taht is-supervizjoni tal-konsulent mediku Donald Felice.

"Peress illi susegwentement l-attrici Sonja Zerafa skopriet illi hija regghet harget tqila u dana wara li l-allegata operazjoni kienet saret.

"Peress illi l-attrici Sonja Zerafa ser ikollha terga’ tghaddi mill-esperjenza trawmatika ta’ operazjoni cesarja, kif ukoll ser ikollha tghaddi mill-perikolu mediku ta’ zewg operazzjonijiet cesarji f’zmien qasir.

"Peress illi inoltre l-atturi ser ikollhom problemi serji finanzjarji, u dan peress illi l-familja Zerafa tiddependi fuq l-introjtu finanzjarju ta’ l-attur Frankie Zerafa li liema introjtu huwa ekwivalenti ghall-paga minima nazzjonali.

"Ghaldaqstant jghidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

"1. Tikkundanna l-konvenut jew min minnhom responsabbli ghad-danni u dan minhabba traskuragni, negligenza u non-osservenza tar-regolamenti;

"2. Tillikwida l-ammont tad-danni sofferti mill-atturi okkorendo bl-opera ta’ periti nominandi;

"3. Tikkundanna lill-konvenut jew min minnhom sabiex ihallas dik is-somma hekk likwidata.

"Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-protest gudizzjarju tal-24 ta’ Lulju 2002, bl-imghax, u l-konvenuti gja` ingunti in subizzjoni."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:

"1. Illi preliminarjament il-konvenuti ma humiex legittimi kontraditturi stante li hadd minnhom ma kien involut fil-procedura medika fuq l-attrici fid-data minna indikata.

"2. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghall-premess l-attur Frankie Zerafa ma ghandu l-ebda locus standi f'dawn il-proceduri stante li s-servizz mediku nghata lil Sonja Zerafa unikament.

"3. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghal premess fi kwalunkwe kaz it-Tabib Principali tal-Gvern ma jirrispondix ghal danni stante li fil-konfront tieghu lanqas biss ma hija allegata culpa in eligendo.

"4. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghal premess, fi kwalunkwe kaz, Dottor Donald Felice ma kienx involut fit-trattament mediku u kirurgiku ta' l-attrici stante li ma hiex il-prassi illi 'Senior Registrar' bhal ma hija Olga Avramov ikun sorveljat waqt il-qadi ta' dmirijietu.

"Salv eccezzjonijiet ohra."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Jannar 2006, li in forza taghha cahdet it-talbiet ta' l-atturi, bl-ispejjez, stante n-novita` tal-kaz, ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi l-isfond ta' din il-kawza huwa wiehed insolitu ghaliex l-atturi qed jitolbu danni fil-konfront tal-konvenuti wara li *nonostante* intervent li sar mill-konvenuta Avramov konsistenti fil-qtugh tat-tubi ta' riproduzzjoni tal-attrici, din ta' l-ahhar xorta harget tqila ftit xhur wara.

"Qabel xejn huwa car illi l-unika konvenuta li tista' tirrispondi ghat-talba hija l-konvenuta Olga Avramov stante li kienet hi li ghamlet l-intervent in kwistjoni u l-konvenut Felice u t-Tabib Principali tal-Gvern ma kellhomx ghalfejn jigu citati. Dan ghaliex Dottor Felice kien il-konsulent fil-kaz izda ma kellu ebda sehem dirett fl-

intervent u ghalhekk l-allegazzjonijiet tal-atturi ma jistghux jigu indirizzati lejh fil-waqt li fil-konfront tat-tabib Ewlieni tal-Gvern ma saret ebda allegazzjoni.

"Minhabba li l-ligi taghna ma taghtix definizzjoni preciza, bhal legislazzjonijiet ohra, tal-grad ta' responsabbilita` li ghandu jigi ezercitat minn tabib bhala tali, il-Qrati taghna dejjem imxew fuq ir-regoli generali tal-Kodici Civili u adottawhom skond ic-cirkostanzi. B'dan il-mod il-Qrati taghna kkonkudew illi *l-ligi tissoggetta l-ezercizzju tal-professjoni ghall-grad tar-responsabilita' li wiehed jistenna minn min jipprepara ruhu u ppresenta ruhu biex jagixxi f'dik il-professjoni partikolari.* (Josephine Borg et vs Dr. Anthony Fiorini deciza minn din il-Qorti fit-18 ta' Lulju, 1994).

"F'din is-sentenza l-Qorti ghamlet riferenza wiesgha ghas-sentenza moghtija fl-1955 mill-Qorti tal-Appell fil-kawza Victor Savona noe vs Dr Peter Asphar illi qalet li l-Artikolu 1074 tal-Kodici Civili (kif kien dak iz-zmien) jistabilixxi l-principju li kull persuna ghandha tirrispondi ghall-hsara li tigri bi htija taghha u l-Artikolu 1075 jiddisponi li jitqies fi htija kull min bl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-attenzjoni ta' *bonus paterfamilias izda f'difett ta' disposizzjoni espressa fil-ligi minhabba nuqqas ta' prudenza,diligenza u attenjoni fi grad akbar.*

"Il-Qorti ccitat ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' l-1921 fl-ismijet Calafato vs Grech illi qalet;

*"La colpa e' un ipotesi giuridica e genercia finche sta nelle disposizioni della legge o sui trattati di scienza giuridica, ma deve assumere una forma materiale e specifica quando si imputa ad altri come cagione di danni sofferti e risarcibili.*

"L-awtur Giorgi (Delle Obbligazioni Vol V paragrafu 155) kiteb;

*"Non puo` nnoverarsi fra le colpe 'errore professionali, quello cioe` che dipende dall' incertezza e dall' imperfezione dell'arte, non da negligenza o incapacita` di*

*chi la esercita. ... E' scusabile soltanto quella fallibilta' che e' conseguenza inevitabile della imperfezione delle scienze o delle arti.*

"Il-Qorti f'din il-kawza l-ahhar imsemmija ccitat ukoll l-awtur Cogliolo (Scritti varii di Diritto Privato – Teoria delle colpe) fejn qal f'pagna 237,

*"Nelle professioni c'e tutto un campo insindacabile ed impunibile, ed e' quello che il diritto inglese chiama errore di giudizio. Il professionista cioe' di fronte ad un caso pratico, valuta le varie circostanze e si forma un convincimento che poi i fatti successiv mostra errao – a questo errore nessuno risponde, se non e' fondato su evidenti errori di ricerca e di dottrina.*

"Kien hemm ukoll sentenzi fil-konfront ta' Avukati (Agius Fernandes vs Buttigieg – Qorti ta' l-Appell 1958) u nutara (Barbara vs Vella Vol XXVII-i-262) illi kollha jaghmlu riferenza ghall-fatt li l-izball irid ikun fi kliem l-ahhar sentenzi msemmija *manifesto da essere l'effetto di colposa ignoranza o di evidente incapacita'.*

"Infatti l-konkluzjoni tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza Savona vs Asphar kienet illi *mid-duttina u gurisprudenza fuq iccitati ghandu jigi ritenut illi t-tabib mhux tenut ghad-danni rizultanti minn zball professjonali, ammeno che dan l-izball ma jkunx grossolan, u ammenno che l-hsara ma tistax tigi lilu addebitata minhabba nuqqas ta' prudenza, diligenza u attenzjoni ta' bonus pater familias.*

"Fl-ahhar nett f'din ir-rassenja tajjeb ukoll jigi citat Lord Denning illi fil-kawza Hucks vs Cole deciza fl-1968 qal hekk;

*"A charge of professional negligence against a medical man was serious. It stood on a different footing to a charge against the driver of a motor car. The consequences were far more serious. It affected his professional status and reputation. The burden of proof was correspondingly greater. As the charge was so grave, so should the proof be clear. With the best will in the*

*world, things sometimes went amiss in surgical operations and treatment. A doctor was not to be held negligent simply because something went wrong. He was not liable for mischance or misadventure; or for an error of judgment. He was not liable for taking one choice out of two or for favouring one school rather than another. He was liable when he felt below the standard of a reasonably competent practicioner in his field so much that his field so much that his conduct might be deserving of censure or inexcusable.*

"Mill-ispjegazzjoni moghtija f'din il-kawza da parti tal-konvenuti, li ma gietx b'ebda mod kontrastata, jidher li f'dan it-tip ta' intervent jista' jirrizulta f'kazijiet verament rari illi avolja jinqatghu t-tubi l-gisem jirreagixxi b'tali manjiera illi jsewwi dan il-qtugh u l-mara terga' ssir fertili. L-atturi ghall-ewwel donnhom riedu jghidu illi l-intervent li kellu jsir ma sarx izda dan gie kontrastat mill-istess xhieda ta' Dr Felice u jekk kien hemm xi dubbju mill-hekk imsejjah *histological report*, dan jaghmilha cara li l-intervent sar u li t-tubi nqatghu. Anke d-deposizzjoni ta' Dr Formosa illi gie konsultat mill-atturi wara dak li gara, tindika li l-intervent tal-qtugh sar.

"Ghalhekk l-uniku kaz fejn l-atturi jistghu jirnexxu fl-azzjoni taghhom hija jekk issir prova ta' negligenza da parti tal-kirurgu - u dan irid jigi ipprovat skond id-dettami tal-gurisprudenza citata. Huwa facli wiehed jasal ghal konkuzjoni li dan ma sarx. Wiehed jissimpatizza mal-attrici li kellha tkun hi l-*one in a million* kif qalet il-konvenuta, li tohrog tqila nonostante l-intervent izda ghal dan ma ghandhom jirrispondu l-konvenuti.

"L-uniku nuqqas li jidher illi sar kien li hadd ma jidher informa lill-atturi b'dan l-hekk imsejjah periklu. Biss wiehed ma jistax jipponta subghajh lejn xi hadd mill-konvenuti dwar dan. Apparti dan kif sewwa ndikaw il-konvenuti fin-nota taghhom anke hawn wiehed irid jistabillixxi negligenza fil-grad imsemmi u f'kaz li jista' jigri daqstant rarament ikun ingust illi professjonista jigi kkundannat jekk ma jinformax lill-klijent b'din l-eventwalita' remota."

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-atturi li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti:
"joghgobha thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza tat-30 ta' Jannar 2006, moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Onor. Imhallef Joseph Azzopardi u minflok tiddikjara l-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghad-danni u dan minhabba traskuragni, negligenza u non-osservanza tar-regolarmenti u tirrimandi [recte: tirrimanda] l-atti lura quddiem l-ewwel Qorti sabiex tillikwida l-ammont tad-danni sofferti mill-atturi okkorendo bl-opera ta' periti nominandi u tikkundanna lill-konvenut jew min minnhom sabiex ihallas dik is-somma hekk likwidata."

Rat ir-risposta tal-konvenuti li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez kontra l-appellanti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi f'dan il-kaz jirrizulta li l-attrici kellha l-ewwel tarbija wara operazzjoni cesarja.  Meta kien jidher li anke t-tieni tarbija kienet se titwieled wara intervent simili, iddiskutiet mat-tabib taghha, Dr Donald Felice, il-possibilita` li taghlaq il-*fallopian tubes* biex ma jkollhiex aktar tfal.  Wara li t-tabib ezamina lill-attrici u qies li din, wisq probabbli, kienet se tibqa' twelled kull darba b'intervent cesarja u li b'dan l-intervent ripetut jista' ikun ta' hsara ghas-sahha taghha, accetta li jressaqha biex taghmel intervent maghruf bhala *tubal ligation* biex hekk hi ma jkollhiex aktar tfal.  Hu accerta ruhu li l-atturi, bhala koppja, kienu fehmu li b'dan l-intervent mhux probabbli li jkollhom aktar tfal u li riedu li ssir l-operazzjoni.

Jidher, fil-fatt, li l-atturi, wara t-twelid tat-tieni tarbija, kienu determinati li ma jkollhomx aktar tfal u dan minhabba l-istat finanzjarju taghhom.  Huma fil-fatt, riedu serhan tal-

mohh li, wara dik l-operazzjoni, mhux se jkollhom aktar tfal; skond huma, Dr Felice serhilhom mohhom fir-rigward. Skond Dr Donald Felice hu spjegalhom li meta jsir l-intervent, "*l-intenzjoni hija biex tnaqqas il-fertilita`, biex ma jkollokx tfal. Pero`, ovvjament xejn m'hu mija fil-mija*".

Mat-twelid tat-tieni tarbija, li saret ukoll cesarja, lill-attrici saritilha l-operazzjoni ta' *tubal ligation*, izda wara xi xhur l-attrici regghet harget tqila ghat-tielet darba, u eventwalment welldet tifla wkoll wara intervent cesarja. Ma jidhirx li dan it-twelid affettwa s-sahha ta' l-attrici, pero`, l-atturi qed jitolbu danni li soffrew bit-twelid ta' din it-tielet tarbija. Huma qed jallegaw li l-operazzjoni ta' qtugh tat-tubi ma saritx kif titlob il-professjoni medika, u f'kull kaz, ma giex spjegat lilhom il-possibilita` li, nonostante din l-operazzjoni, xorta setghu jitwieldu tfal.

L-ewwel Qorti, mill-provi mressqa quddiemha, sabet li l-operazzjoni saret kif suppost u kif titlob il-professjoni; il-possibilita` remota ta' tqala anke wara li l-*fallopian tubes* jinqatghu hija accettata mill-professjoni medika, u "*ikun ingust illi professjonista jigi kkundannat jekk ma jinformax lill-klijent b'din l-eventwalita` remota*".

L-atturi appellaw minn din is-sentenza, u regghu tefghu dubju dwar il-mod ta' kif saret l-operazzjoni u insistew ukoll ghad-danni anke minhabba l-fatt li ma gewx infurmati bil-possibilita` remota ta' fertilizzazzjoni.

Trattat l-appell, din il-Qorti tirrileva li, fil-kuntest ta' l-operazzjoni, m'ghandhiex dubju li din twettqet u twettqet skond id-dettami tal-professjoni medika. It-tabiba li wettqet l-operazzjoni, il-konvenuta Dr Olga Avramov, xehdet li "*during the procedure, <u>I cut both tubes</u>, the one on the left and the one on the right and sutured both ends, distal and proximal*". Jirrizulta li partijiet mit-tubi hekk maqtugha gew mibghuta ghall-analizi fid-dipartiment tal-patalogija ta' l-Isptar ta' San Luqa fejn sehh l-intervent; ir-rapport ta' dan id-dipartiment jikkonferma li, fil-konfront ta' l-atturi, intbaghtu ghall-analizi "*<u>2 segments of fallopian tube</u> measuring approximately 0.7cm in length*". Mr Mark

Formosa, li assista lill-atturi fit-twelid tat-tielet tarbija, ukoll cesarja, xehed li, waqt l-operazzoni, ra li t-tubu tal-lemin kien qasir, jigifieri "*kien hemm nuqqas fit-tul tar-right tube*", waqt li t-tubu tax-xellug ma setax jigi identifikat minhabba l-ammont ta' twahhil li kien hemm madwaru. Hu xehed, pero`, li t-twahhil li sab "*kien kompatibbli ma' intervent kirurgiku fuq iz-zewg tubes*". Hu eskluda li operazzjoni fuq naha tista', b'xi mod, taffetwa n-naha l-ohra, u qal li nnota li fuq in-naha tax-xellug kien hemm hafna *scarring* kompatibbli ma intervent kirurgiku; l-opinjoni tieghu hi li xi forma ta' intervent kien sar fuq iz-zewg tubi ta' l-attrici.

Kwindi, mhux biss jirrizulta li sar l-intervent mehtieg, izda ma jirrizultax li saret xi haga hazina fil-waqt ta' l-operazzjoni. Hu veru li tezisti "*clinical impression*" li operazzjoni ta' dan it-tip ghandha izjed cans li ma tirnexxix jekk issir fil-waqt ta' cesarja (ara "Principles of Gynaecology" tal-**Professur T.N.A Jeffcoate**), izda ma jirrizultax li dan hu xi fatt stabbilit u accettat mal-professjoni medika. Fuq kollox, kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Savona noe v. Asphar**, deciza fit-2 ta' April 1951,
"mid-duttrini u gurisprudenza fuq iccitati ghandu jigi ritenut illi t-tabib mhux tenut ghad-danni rizultanti minn zball professjonali ammeno che dan l-izball ma jkunx grossolan, u ammeno che l-hsara ma tistax tigi lilu addebitata minhabba nuqqas ta' prudenza, diligenza u attenzjoni ta' *bonus pater familias*."

(Ara wkoll **Borg et v. Fiorini**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' April 1994, li wkoll segwiet 'il fuq indikat principju). Ma jirrizultax li, f'dan il-kaz, kien hemm xi zball grossolan, u kwindi ebda *culpa* ma tista' tigi akkollata fil-konfront tat-tobba involuti u l-isptar.

Interessanti hu l-kaz **McNeal v. United States of America**, deciza fis-27 ta' Settembru 1982, mill-United States Court of Appeals, Fourth Circuit. Hawn ukoll, wara t-twelid tat-tieni tarbija, l-attrici ddecidiet li ma riditx ikollha aktar tfal, u wara li kkonsultat ruhha mat-tobba specjalisti fil-materja ddecidiet li taghmel "*a bilateral tubal ligation*"; wara l-operazzjoni z-zewg partijiet maqtugha ntbaghtu ghall-analizi fid-dipartiment tal-patalogija. Xi sena wara l-

operazzjoni, l-attrici regghet harget tqila u ghamlet kawza ghad-danni. Ma rrizultax li, fil-waqt l-operazzjoni, ma gietx segwita l-procedura normali, u t-tobba gew liberati mill-akkuza ta' negligenza anke fid-dawl ta' dak li ddepona Dr Richard Stock, espert fil-materja, fis-sens li "*even if a tubal ligation is properly performed, it is always possible for the ligation to fail so that the patient might conceive a child in the future*".

Anke fil-kaz meritu ta' din il-kawza, hemm provi cari li jindikaw li z-zewg tubi gew maqtugha, u ma jirrizultax li saret xi haga hazina jew li ma saritx xi haga li kellha ssir. Il-fatt li l-attrici harget tqila bit-tielet tarbija wara l-operazzjoni ma jfissirx li l-operazzjoni ma kenitx "*properly performed*".

L-atturi jilmentaw ukoll min-nuqqas ta' informazzjoni dwar ir-riskju inerenti fl-intervent. Huma jilmentaw li t-tabib Dr Felice serhilhom rashom li, wara l-intervent, ma kienx se jkollhom aktar tfal. Dr Felice, min-naha l-ohra, stqarr li hu spjega lill-attrici li l-intervent li kien ippropona kellu jservi biss biex inaqqas il-possibilita` ta' fertilita` u li xejn "m'hu mija fil-mija".

Din il-Qorti ma tarax ghaliex m'ghandhiex temmen lit-tabib, pero`, f'kull kaz, mehud kont tal-fatt li r-riskju ta' fertilita` wara intervent kirurgiku huwa remot (kaz f'elf jew f'elfejn, skond l-istat ta' fertilita` tal-mara), ma hux daqshekk ammess li t-tabib ghandu <u>obbligu</u> jaghti wkoll din it-tip ta' informazzjoni. Din il-Qorti rravvizat obbligu ta' informazzjoni komplut u dettaljat f'kaz ta' intervent estetiku (**Sammut v. Fenech**, deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 2006), pero` f'kaz ta' intervent kirurgiku ta' tip differenti, ma jidhirx li s-sitwazzjoni hija necessarjament l-istess.

Fl-Ingilterra, il-kwistjoni tidher li giet dibattuta fil-kaz **Bolam v. Friern Hospital Management Committee**, deciza fl-1957. Fil-ktieb ta' **Margaret Brazier** "Medicine, Patients and the Law" (1987 Edit., pagna 60) intqal hekk fuq dan il-kaz;

*"Mr Bolam agreed to electro-convulsive therapy to help improve his depression. He suffered factures in the course of the treatment. The risk was known to his doctor. He did not tell Mr Bolam. Mr Bolam alleged that the failure to warn him of the risk was negligent. The judge found that the amount of information given to Mr Bolan accorded with accepted medical practice in such cases and dismissed Mr Bolam's claim. He added that even if Mr Bolam has proved that the doctor's advice was inadequate he would only have succeeded if he could have further proved that given better information he would have refused his consent to the treatment. The test of negligence was the test of generally accepted medical pratice."*

Sussegwentement, il-kwistjoni regghet giet ghall-konsiderazzjoni tal-House of Lords fl-Ingilterra fil-kaz **Sidaway v. Board of Governors of the Bethlem Royal and the Maudsley Hospital**, li giet deciza fl-1985. Fil-ktieb fuq imsemmi, hekk intqal in konnessjoni ma' dan il-kaz:

"*Mrs Sidaway sued both Mr Falconer and the Maudsley Hospital. She did not suggest that the operation had been performed otherwise than skilfully and carefully. Her complaint was this. The operation to which she agreed involved two specific risks over and above the risk inherent in any surgery under general anaesthesia. These were (1) damage to a nerve root, assessed as about a 2 per cent risk, and (2) damage to the spinal cord, assessed as less than a 1 per cent risk. Alas for Mrs Sidaway, that second risk materialized and she consequently suffered partial paralysis. She maintained that Mr Falconer never warned her of the risk of injury to the spinal cord.*

*.....*

*What principle governed the doctor's obligation to advise patients and to warn of any risks inherent in surgery or treatment recommended by the doctor? The majority of their Lordships endorsed the traditional test enunciated in the case of Mr Bolam nearly thirty years before. The*

*doctor's obligation to advise and warn his patient was part and parcel of his general duty of care owed to each individual patient. Prima facie, providing he conformed to a responsible body of medical opinion in deciding what to tell and what not to tell his patient he discharged his duty properly. There being evidence that while some neuro-surgeons might warn some patients of the risk to the spinal cord many chose not to, Mrs Sidaway's case was lost."*

Kaz iehor li tressaq quddiem il-Qorti ta' l-Appell fl-Ingilterra huwa **Blyth v. Bloomsbury Health Authority**, deciza fl-1987. F'din il-kawza gie sottomess li jekk il-pazjent isaqsi lit-tabib informazzjoni dwar l-intervent propost, it-tabib ghandu obbligu li jaghti l-informazzjoni kollha relattiva. Il-Qorti ta' l-Appell, pero`, ma qablitx ma' dan l-argument, u Lord Caplan ghamel din l-osservazzjoni:
*"In my view ... the appropriate tests to apply in medical negligence cases are to be found in Hunter v. Hanley and Bolam ... As I see it, the law in both Scotland and England has come down firmly against the view that the doctor's duty to the patient involves at all costs obtaining the informed consent of the patient to specific medical treatments ... I can read nothing in the majority view in Sidaway which suggests that the extent and quality of warning to be given by a doctor to his patient should not in the last resort be governed by medical criteria."*

It-test, kwindi, jidher li hu dipendenti fuq *"generally accepted medical practice"*; it-tabib mhux obbligat li jaghti lill-pazjent l-informazzjoni kollha mehtiega relatata ma' l-intervent, izda dik l-informazzjoni li, skond il-pratika professjonali, ghanda tinghata. F'dan il-kaz ma jirrizultax li hija "*accepted medical practice*" li pazjenta li se jsirilha *tubal ligation* ghandha tkun informata wkoll dwar ir-riskju remot li tista' xorta wahda tohrog tqila; prova f'dan is-sens ma saritx mill-atturi li kellhom l-oneru juru li t-tabib kellu l-obbligu jaghti dik l-informazzjoni partikolari.

Kaz iehor interessanti huwa dak fl-ismijiet **Worster v. City and Hackney Health Authority**, deciza mill-Qorti in prima istanza fl-Ingilterra fl-1987. F'dan il-kaz, il-pazjenta kienet

iffirmat dokument li kien jindika l-kunsens taghha ghall-i*sterlization*, u fuq dan id-dokument kien hemm imnizzel li hi kienet qed taccetta li b'rizultat ta' dak l-intervent, hi ma kenitx se jkollha aktar tfal.  Wara li, fil-fatt, hi regghet harget tqila nonostante dak l-intervent, hi fittxet ghad-danni ghax qalet li hi interpretat dak id-dokument bhala li, wara l-intervent, hi zgur mhux se jkollha aktar tfal;  hi kkontendiet li l-operazzjoni kellha tkun "*foolproof*".  Il-Qorti, pero`, ma accettatx din is-sottomissjoni, u osservat li l-isptar ma ta ebda garanzija, izda kull ma gie promess hu li "*the intended effect of the operation was that the couple should not have more children*", u t-talba tal-pazjenta giet michuda.

Anke f'dan il-kaz l-"*intended effect*" ta' l-intervent kirurgiku kien li l-koppja attrici ma jkollhiex aktar tfal;  darba jirrizulta li l-operazzjoni saret skond id-dettami tal-professjoni medika, ma jista' ikun hemm ebda responsabbilita` ghal dak li sehh b'kumbinazzjoni u f'cirkostanzi rari hafna.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-atturi billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjez tal-kawza in prim istanza jibqghu kif decizi, waqt li dawk ta' dan l-appell jithallsu mill-atturi appellanti *in solidum*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------